**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 6 ta' Mejju 2025**

**Rikors nru : 86 /2025 AGV fl-ismijiet;**

**DS**

**vs**

**JG**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors ta` DS ;**

Jesponi bir-rispett:-

Illi l-partijiet iżżewġu ġewwa Malta fit-31 ta` Mejju tas-sena 2009, hekk kif jidher mic-certifikat taż-żwieġ hawn anness bħala Dok. A;

Illi minn dan iż-żwieġ ma twieldu ebda tfal;

Illi l-partijiet ilhom separati legalment sa mit-23 ta' Jannar tas-sena 2017, u dan permezz ta' kuntratt ta` separazzjoni fl-atti tan-nutar Dottor Christine Abela (Ara Dok. B);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom separati legalment għal dawn l-aħħar tmien (8) snin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

Illi l-partijiet kienu rrinunzjaw reciprokament illi jircievu manteniment mingħand xulxin (vide klawzola numru ħamsa (5) tal-kuntratt anness);

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta` Malta;

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku

bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan jigi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

**l-Qorti rat li l- konvenuta ma pprezentatx risposta .**

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar it- 31 ta' Mejju 2009**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**